**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023**

**Kawża Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 178/2023 JVC**

**Tiana Hayley Ivins Spiteri magħrufa bħala Tiana Hayley Ivins**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Tiana Hayley Ivins Spiteri talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-attrici twieldet Kettering, Ingilterra fl-1 ta' Gunju 1993, liema twelid gie registrat hawn Malta, Att ta' twelid

Nru 129/1994, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok TI 1;

2. Illi l-ġenituri tagħha huma Norman Stephen Ivins u Maria Dolores Spiteri li iżżewġu fid-29 ta' Novembru 2003;

3. Illi matul ħajjitha l-attriċi kienet dejjem magħrufa bil-kunjom Ivins u mhux Ivins Spiteri, dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok T1 2-17;

4. Illi ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha tal-Ingilterra kien ukoll ġie korrett fis-sens li kunjomha qiegħed imniżżel bhala Ivins, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok T1;

5. Illi għaliha hu importanti ħafna li kunjomha hawn Malta ikun Ivins, kemm għaliha personalment kif ukoll għat-tfal tagħha, u għalhekk tixtieq li ssir annotazzjoni sabiex kunjomha jkun Ivins u mhux Ivins Spiteri;

6. Illi hi tiddikjara u tikkonferma li taf b'dawn il-fatti personalment.

Jgħid għalhekk l-intimat għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara li kunjom l-attriċi huwa Ivins u mhux Ivins Spiteri stante li kienet dejjem magħrufa bhala Tiana Hayley Ivins u mhux Ivins Spiteri;

2. Tordna li ssir l-annotazzjoni opportuni fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tagħha, u f'kull dokument uffiċjali ieħor, sabiex kunjomha jkun Ivins u mhux Ivins Spiteri.

Bl-ispejjez.’

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. ’Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m’huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mar-rikors promotur r-rikorrenti tippreżenta numru ta’ dokumenti li juru li f’ħajjitha ħija magħrufa bħala Tiana Hayley Ivins u mhux Tiana Hayley Ivins Spiteri kif indikat fl-Att tat-Twelid b’numru progressiv nru. 129/1994;

4. Illi kif jirriżulta *ictu ocoli* mill-Att tat-Twelid sħiħ, li qiegħed jiġi anness u mmarkat **<u>Dok. DRP 1</u>**, ir-rikorrenti twieldet ġewwa l-Ingilterra fl- 1 ta’ Ġunju 1993 lil Stephen Norman IVINS u Maria Dolores SPITERI. Peress li r-rikorrenti twieldet barra minn Malta, l-Att tat-Twelid maħruġ mir-Renju Unit, li jindika li l-isem sħiħ li fil-fatt kien mogħti ‘Tiana Hayley IVINS SPITERI’ (vera kopja annessa u mmarkata **<u>Dok. DRP 2</u>**), ġie reġistrat f’Malta *ad verbatim*

stante li f'każijiet bħal dawn l-esponent jirreplika d-dettalji ndikati fuq l-Att esteru għall-dawk ġewwa Malta u dan ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi għalhekk minkejja dak senjalat mir-rikorrenti fir-rikors ma jidher li sar ebda żball di parti tal-esponent meta rreġistra l-Att tat-Twelid esteru f'Malta tant illi l-informazzjoni indikata fiż-żewġ atti hija identika.

6. Illi dwar it-talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu salv dak li ġej:

7. Illi l-evidenza miġjuba tkun l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u segwenti. In oltre', b'mod speċifiku għat-tieni talba, l-korrezzjoni tista' ssir permezz t'annotazzjoni generali stante li fl-1994 (meta gie rregistrat l-Att tat-Twelid tal-attrici) kunjom il-wild ma kienx ikun specifikat fl-Att tat-Twelid.

8. Di piu', ghandu jigi specifikat illi l-korrezzjoni tista' tigi ordnata biss fuq l-Att tat-Twelid u mhux fuq dokumenti ufficjali ohra stante li dawn ma jaqghux taht il-parametri tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

9. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **<u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;</u>**

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti nominee li minn issa inġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 21 tal-proċess.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess rikorrenti li turi li llum il-gurnata hija rikonoxxuta fir-Renju Unit bil-kunjom biss ta' 'Ivins' u mhux 'Ivins Spiteri'.

Rat illi effettivament mid-dokumentazzjoni esebita mid-Diretturi intimat ic-certifikat tar-Renju Unit originarjament kien juri wkoll il-kunjom Spiteri. Illi jirrizulta li r-realta' illum hija li l-kunjom tar-rikorrenti huwa biss 'Ivins' minghajr il-kunjom 'Spiteri' warajh. Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li kunjom l-attrici huwa 'Ivins' u mhux 'Ivins Spiteri' stante li kienet dejjem magħrufha bħala Tiana Hayley Ivins u mhux Ivins Spiteri u d-dokumentazzjoni tevidenzja dan;

2. Tilqa' t-tieni talba w tordna li jsiru l-annotazzjonijiet opportuni fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha u f'kull dokument uffiċċjali ieħor, sabiex kunjomha jkun 'Ivins' u mhux 'Ivins Spiteri 'u dan fid-dokumenti fil-poter tad-Direttur Intimat.

3. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4.** Fic-cirkostanzi, l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**20 ta' Ġunju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**20 ta' Ġunju 2023**